QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA

IMĦALLEF

ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI
B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.

**Illum il-Ħamis, 15 ta' Mejju 2025**

**Kawża Numru: 3**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1405/2024 JVC**

**Alfred Xerri sive Scerri**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Alfred Xerri sive Scerri premetta u talab kif isegwi:

'Peress Illi r-rikorrent huwa detentur tal Karta tal-identita bin-numru 0490937(m)- Kopja anessa Dokument (A)

Peress illi fil-karta ta' l-identita' tar-rikorrent il-kunjom tal-esponent dejjem gie indikat bhala 'Scerri'

Peress illi f'diversi dokumenti pubblici il-kunjom tar-rikorrent dejjem gie indikat bhala 'Scerri'

Peress illi anke mart l-esponent, li jisimha Eva Scerri, wara iz-zwieg taghha hadet il-kunjom 'Scerri' kif tixhed il-karta tal-identita' taghha annessa bhala dokument (B)

Peress illi l-esponent huwa missier ta' zewg ulied bl-isem ta' Anna Marie u Annhelica.

Peress Illi fic-certifikat tat twelid ta' l-istess ulied l-esponent, isem u kunjom il missier (u cioe l-esponent) huwa indikat bhala Alfred bil-kunjom Scerri (u mhux Xerri) - (Dokument C u D)

Peress illi fl-istess zewg certifikati tat-twelid taz-zewg ulied tal-esponent, isem u kunjom missier l-esponent huwa ukoll indikat bhala Angelo Scerri (u mhux Xerri)

Peress illi l-karta ta' l-identita tal-esponenti ser tiskadi fis-16 ta Jannar 2025.

Peress illi meta l-esponent mar biex jgedded il-karta tal identita tieghu huwa gie mgharraf illi din ser ikollha tinhareg bil kunjom 'Xerri' peress illi fic-certifikat tat- twelid tar-rikorrent li jgib in-numru ta' regsitrazzjoni 4909 tas-sena 1937 u li qed jigi mehmuz u <u>mmarkat bhala Dok "E"</u> juri kunjom missier u omm l-esponenti indikat bhala "Xerri" minflok 'Scerri";

Illi din is-sitwazzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-esponent, fejn il-kunjom ta' ommu u missieru qed jigi indikat bahala 'Xerri' flok 'Scerri', holqot u tista tkpompli tohloq pregudizzju kbir u konfuzzjoni stante li sa llum l-esponenti fid-dokumenti tieghu kollha, inkluz f'dawk pubblici, huwa dejjem deher jew gie indikat bil-kunjom 'Scerri'

Illi l-esponent jixtieq li jirrimedja din is-sitwazzjoni biex kunjom missieru u ommu fic-certifikat tat-twelid tieghu li jgib in-numru ta' regsitrazzjoni 4909 tas-sena 1937 ma jibqax indikat bhala 'Xerri' izda jew jigi mibdul u indikat bhala 'Scerri', u dan sabiex il-kunjom jinkiteb l-istess f'kull dokument pubbliku li ghandu u li jista jkollu r-rikorrent, inkluz fil-karta tal-identita' mgedda, u sabiex ma tinholoqx kunfuzzjoni u problemi fil -futur

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir rispett illi din il-Qorti joghgobha

1. Tawtorizza l-korrezzjoni u r-registrazzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-esponent bin-numru 4909 tal-1937 ai termini tal-provvedimenti tal-artiklu 253 tal-Kodici Civili, sabiex kull fejn hemm referenza ghall-kunjom tal- missier u omm il-kunjom indikat bhala 'Xerri' jigi mibdul u sostitwit bil-kunjom 'Scerri'.

2. Tordna illi l-bdil effettwat fl-att tat-twelid bir-registrazzjoni msemmija jigi rifless f'kull att tal-istat civili relattiv tal-esponenti, jekk ikun il-kaz u dan skont l-artiklu 253(3) tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaffettwa dan il-bdil wara li jigi notifikat bis-sentenza.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti għandha tikkonferma jekk saritx pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi fl-ewwel lok, l-esponent m'huwiex edott mill-fatti kif ġew dikjarati fir-rikors promotur. Madanakollu, mill-atti u dokumentazzjoni fil-poteri tiegħu jirriżulta s-segwenti;

**3.** Illi minn dak li jirriżulta *ictu oculi*, skont l-**Att tat-Twelid** bin-numru progressiv **4909/1937** (anness u mmarkat bħala **Dok. DRP 1** għal kull *buon fini* tant illi ġie preżentat biss l-estratt mir-rikorrent), jidher li r-rikorrent twieled ġewwa Malta, nhar il-ħamsa (5) ta' Lulju 1937, lil **'Alfred Xerri'** u **'Angela *wife of the said* Alfred Xerri'**, fiż-żwieġ;

4. Illi in vista tal-liġi applikabbli fiż-żmien meta twieled u ġie reġistrat r-rikorrent, huwa awtomatikament adotta kunjom missieru kif jidher fl-istess Att tat-Twelid suċitat u ċioe' l-kunjom '**Xerri'**. Id-dikjarazzjoni fuq l-Att tat-Twelid saret minn missier r-rikorrent is-Sur **'Alfred Xerri'**, u għalhekk, ċertament ma jistax jingħad illi sar xi żball mill-esponent Direttur meta ġie reġistrat l-Att tat-Twelid sucitat;

**5.** Illi kuntrarjament għal dak imniżżel fuq l-Att tat-Twelid tar-rikorrent, fuq l-**Att taż-Żwieġ** tiegħu bin-numru progressiv **736/1962 ,** r-rikorrent ġie ndikat bil-kunjom **'Scerri'** u mhux **'Xerri'**;

**6.** Illi in linea mal-premess, jidher illi r-rikorrent hu mniżżel bil-kunjom 'Scerri' ukoll fuq l-Atti tat-Twelid tat-tfal tiegħu bin-numri progressivi **4608/1967** u **2620/1977** rispettivament;

7. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent irressaq is-segwenti eċċezzjonijiet mingħajr preġudizzju għal xulxin;

8. Illi fl-ewwel lok, għandha ssir talba għal korrezzjoni fl-okkju mir-rikorrent skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi, tant illi ismu minn tal-inqas għandu jiġi ndikat bħala '**Alfred Xerri sive Scerri'** u mhux '**Alfred Scerri'**, sabiex ikun konformi mal-Att tat-Twelid tiegħu fid-data ta' meta ġiet intavolata l-kawża odjerna;

9. Illi fir-rigward tal-**ewwel talba**, fl-interess tal-ġudizzju u sabiex ma jiġux preġudikati l-interessi ta' terzi, l-ġenituri tar-rikorrent kellhom ikunu parti mill-kawża odjerna, in vista tal-fatt illi bit-talba tiegħu r-rikorrent qiegħed jitlob li ssir korrezzjoni li ma tolqotx il-pretensjonijiet tiegħu biss;

10. Illi in vista tal-premess, sabiex din l-Onorabbli Qorti tkun tista' taċċerta ruħha illi kunjom iż-żewġ ġenituri kien '**Scerri'** u mhux '**Xerri'**, kellhom jiġu preżentati l-Atti ta' Stat Ċivili tal-ġenituri tar-rikorrent, li huma soġġetti għat-talba tiegħu. Dan qiegħed jingħad *stante* li r-rikorrent ippreżenta biss dokumenti li jindikaw li matul ħajtu **huwa** uża u kien magħruf bil-kunjom 'Scerri' u mhux il-ġenituri tiegħu;

11. Illi preliminarjament **fir-rigward tat-tieni talba**, l-esponent Direttur jirrileva illi r-rikorrent għandu jindika u jikkonferma **n-numru progressiv u s-sena** ta' kull Att ta' Stat Ċivili ieħor li fuqu ried li jiġi rifless it-tibdil ordnat li jsir fuq l-Att tat-Twelid bin-numru progressiv **4909/1937.** Magħdud ma' dan, ir-rikorrent għandu wkoll jippreżenta l-istess Atti permezz ta' nota, fl-atti tal-kawża;

12. Illi mingħajr preġudizzju għal-premess, l-esponent Direttur qiegħed jirrimetti ruħu għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti jekk hi tkun sodisfatta illi r-rikorrent verament u minn dejjem kien magħruf bil-kunjom '**Scerri**';

13. Illi finalment, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ u kif spjegat aktar qabel, l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas tal-esponent u <u>għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti</u>;

14. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont l-liġi;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi nġunt in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 9 tal-proċess b'dana li t-tieni eċċezzjoni tad-Direttur intimat ġiet sorvolata.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors ġuramentat kif ukoll l-affidavits tar-rikorrent Alfred Xerri sive Scerri u ta' bintu. Minn din id-dokumentazzjoni jirriżulta illi saħansitra r-rikorrent kellu karta tal-identita' maħruġha bil-kunjom "Scerri" mill-istess Repubblika ta' Malta. Rat ukoll illi martu għandha wkoll il-kunjom "Scerri" fuq il-karta tal-Identita' tagħha.

Il-Qorti rat ukoll iċ-ċertifikat oriġinali minn fejn jidher li l-kunjom "Scerri" ġie kanċellat minn xi ħadd u rranġat bl-ittra "X".

Illi mill-provi kollha fl-atti l-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tgħaddi biex tilqa' l-istess.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti l-Qorti tgħaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat rimanenti sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti kif dedotta;

3. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti limitatament għall-atti fil-poter tad-Direttur intimat;

4. Tilqa' t-tielet talba kif dedotta u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**5.** Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**15 ta' Mejju 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**15 ta' Mejju 2025**